SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

17 ta' Diċembru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjoni favur il-kiri ta' proprjetà immobbli – Leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta mill-VAT il-kunsinna ta' sħana minn assoċjazzjoni tas-sidien tal-proprjetà lis-sidien li jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni"

Fil-Kawża C-449/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Baden-Württemberg (il-Qorti tal-Finanzi ta' Baden-Württemberg, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Ġunju 2019, fil-proċedura

**WEG Tevesstraße**

vs

**Finanzamt Villingen-Schwenningen,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, President tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tielet Awla, N. Wahl, F. Biltgen (Relatur) u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u S. Eisenberg, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Jokubauskaitė u L. Mantl, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2009/162/UE tat-22 ta' Diċembru 2009 (ĠU 2010, L 10, p. 14) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn l-assoċjazzjoni tas-sidien tal-proprjetà u ta' partijiet ta' proprjetà immobbli WEG Tevesstraße (iktar 'il quddiem il-"Weg Tevesstraße"), komposta minn kumpannija b'responsabbiltà limitata, minn awtorità pubblika u minn komun, u l-Finanzamt Villingen-Schwenningen (l-Uffiċċju tat-Taxxa ta' Villingen-Schwenningen, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem il-"Finanzamt") dwar l-iffissar tat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imħallsa dwar l-ispejjeż ta' akkwist u ta' operar ta' tagħmir ta' sħana u enerġija għas-sena 2012.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi:

"It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-VAT:

(a) il-provvista ta' merkanzija magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali".

4 L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi:

"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

5 L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT huwa fformulat kif ġej:

"'Provvista ta' merkanzija' għandha tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà tanġibbli."

6 L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi:

"L-elettriku, il-gass, l-enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ u affarijiet simili għandhom jiġu ttrattati bħala proprjetà tanġibbli."

7 L-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(l) il-kiri ta' proprjetà immobbli."

8 L-Artikolu 136 tad-Direttiva dwar il-VAT jiddisponi:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-provvista ta' merkanzija użata biss għal attività eżenti skond l-Artikoli 132, 135, 371, 375, 376 u 377, l-Artikolu 378 (2), l-Artikolu 379(2) u l-Artikoli 380 sa 390b, jekk dik il-merkanzija ma tatx lok għal possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT;

(b) il-provvista ta' merkanzija li fuq l-akkwist jew l-applikazzjoni tagħha l-VAT ma segħtex titnaqqas, skond l-Artikolu 176".

*Id-dritt Ġermaniż*

9 Il-punt 1 tal-Artikolu 1(1) tal-Umsatzsteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul mill-Bejgħ tal-21 ta' Frar 2005 (BGB1. 2005[1] I, p. 386), fil-verżjoni tagħha li tapplika għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"UStG") jiddisponi:

"It-tranżazzjonijiet segwenti għandhom ikunu suġġetti għat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ:

(1) il-provvista ta' merkanzija u servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju tal-pajjiż minn operatur ekonomiku fit-tħaddim tan-negozju" […].

10 Skont il-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG, "is-servizzi pprovduti mill-assoċjazzjonijiet tas-sidien tal-proprjetà […] lis-sidien u lill-koproprjetarji, sa fejn is-servizzi jikkonsistu fil-provvista ta' proprjetà komuni għall-użu, il-manutenzjoni, it-tiswija u skopijiet amministrattivi oħra kif ukoll fil-provvista ta' servizzi ta' sħana u ta' servizzi simili" għandhom jiġu eżentati mill-VAT.

11 L-Artikolu 9(1) tal-UStG jipprovdi li l-operatur ekonomiku jista' jirrinunzja għall-eżenzjoni prevista fl-imsemmi punt 13 tal-Artikolu 4 jekk it-tranżazzjoni ssir għall-finijiet tal-impriża ta' operatur ekonomiku ieħor.

12 L-Artikolu 15(1), (2) u (4) tal-UStG jipprevedi, b'mod partikolari:

"(1) L-imprenditur jista' jnaqqas l-ammonti tat-taxxa tal-input li ġejjin:

1. it-taxxa legalment dovuta għal kunsinni u servizzi oħra li twettqu minn imprenditur ieħor għall-bżonnijiet tal-impriża tiegħu.

[…]

(2) It-tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa ma japplikax għat-taxxa fuq il-provvisti, l-importazzjoni u l-akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija, jew fuq il-provvista l-oħra ta' servizzi, li l-imprenditur juża għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

1. it-tranżazzjonijiet eżentati;

[…]

1 Vade-mecum, p. 70.

(4) Jekk l-imprenditur juża prodott jew servizz ieħor, ikkunsinnat, importat jew akkwistat fil-Komunità biss parzjalment għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet li ma jagħtux dritt għal tnaqqis, il-parti tal-ammonti ta' taxxa tal-input ekonomikament marbuta ma' dawn it-tranżazzjonijiet ma tagħtix dritt għal tnaqqis […].”

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

13 Fl-2012, il-Weg Tevesstraße bniet, fuq l-art li tappartjeni lis-sidien ta' din l-assoċjazzjoni, tagħmir ta' sħana u enerġija għall-operar tiegħu. L-elettriku ġġenerat minn dan it-tagħmir ġie kkunsinnat lil distributur tal-enerġija filwaqt li s-sħana prodotta ġiet ikkunsinnata lis-sidien tal-imsemmija assoċjazzjoni. Il-Weg Tevesstraße talbet tnaqqis tal-VAT u talbet, għal dan l-għan, mingħand il-Finanzamt, ammont li jikkorrispondi għall-VAT tal-input imħallsa ta' total ta' EUR 19 765,17 li jikkonċerna l-ispejjeż ta' akkwist u ta' operat tal-imsemmi tagħmir għas-sena 2012.

14 Fix-xahar ta' Diċembru 2014, il-Finanzamt ħareġ avviż ta' tassazzjoni għall-VAT għas-sena 2012 li kien jaċċetta t-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa f'dak li jirrigwarda l-ammont relatat mal-produzzjoni tal-elettriku, li jikkorrispondi għal 28 % tal-ammont mitlub, iżda rrifjuta t-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa għall-ammont relatat mal-produzzjoni tas-sħana, li jikkorrispondi għal 72 % tal-ammont mitlub. Insostenn tal-avviż tiegħu, il-Finanzamt sostna li l-provvista tas-sħana minn assoċjazzjoni ta' sidien lis-sidien ta' din l-assoċjazzjoni hija, konformement mal-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG, tranżazzjoni eżenti mill-VAT.

15 Wara ċ-ċaħda, mill-Finanzamt, tal-oppożizzjoni mressqa mill-Weg Tevesstraße, din ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex tikseb it-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa fir-rigward tal-ammont li jikkorrispondi għall-produzzjoni tas-sħana. Insostenn tar-rikors tagħha, hija ssostni, essenzjalment, li l-imsemmija dispożizzjoni tal-UStG hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, peress li d-Direttiva tal-VAT ma tinkludi ebda dispożizzjoni li tippermetti l-eżenzjoni tal-kunsinna ta' sħana magħmula minn assoċjazzjoni ta' koproprjetarji lil dawn tal-aħħar.

16 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, bħal parti mid-duttrina Ġermaniża, il-qorti tar-rinviju għandha xi dubji dwar jekk l-eżenzjoni prevista fil-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG tistax tkun ibbażata fuq l-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT, u, għaldaqstant, jekk id-Direttiva dwar il-VAT tipprekludix tali leġiżlazzjoni nazzjonali jew le.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht Baden-Württemberg (il-Qorti tal-Finanzi ta' Baden-Württemberg, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

“Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [dwar il-VAT] għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li permezz tagħha l-kunsinna ta' sħana minn assoċjazzjonijiet ta' proprjetarji ta' kondominji lill-proprjetajri tal-appartamenti hija eżenti [mill-VAT]?”

**Fuq id-domanda preliminari**

18 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta mill-VAT il-kunsinna ta' sħana minn assoċjazzjoni tas-sidien ta' proprjetà lis-sidien li jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni.

19 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat, kif għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 20 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, sabiex tkun tista' tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi fattwali u legali li jikkaratterizzaw din it-talba.

20 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-domanda magħmula hija bbażata fuq il-premessa li l-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi tranżazzjoni suġġetta għall-VAT, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT.

21 Qabelxejn, din il-premessa hija, fil-fatt, ikkorroborata mill-għan stess tad-domanda preliminari. Fil-fatt, l-eżenzjonijiet previsti mid-Direttiva dwar il-VAT jistgħu jkunu applikabbli biss għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-istess direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 1998, Fischer, C-283/95, EU:C:1998:276, punt 18; tad-29 ta' April 2004, EDM, C-77/01, EU:C:2004:243, punt 59; u tat-13 ta' Marzu 2008, Securenta, C-437/06, EU:C:2008:166, punt 26), b'tali mod li jekk il-kunsinna ta' sħana inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-VAT, il-kwistjoni dwar jekk din id-direttiva tippreklud ix jew le eżenzjoni bħal dik li tinsab fil-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG ma tqumx. Barra minn hekk, din il-premessa hija kkonfermata miċ-ċirkustanza li l-qorti tar-rinviju ssemmi espliċitament, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT.

22 Sussegwentement, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Ġermaniż, il-leġiżlatur Ġermaniż qies li l-eżenzjoni stabbilita fil-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG kienet neċessarja peress li l-provvisti u l-kunsinni mwettqa mill-assoċjazzjonijiet tas-sidien ta' proprjetà għall-benefiċċju tal-membri tagħhom huma, bħala prinċipju, suġġetti għall-VAT.

23 Fl-aħħar nett, kif irrilevat il-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, mill-ġurisprudenza tal-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), b'mod iktar partikolari mis-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018 IV R 6/16 (DE:BFH:2018:U.200918.IVR6.16.0, punt 56), jirriżulta li l-provvista ta' sħana bi ħlas magħmula minn assoċjazzjoni ta' sidien lill-membri tagħha tikkostitwixxi provvista suġġetta għall-VAT skont l-Artikolu 1(1) tal-UStG, iżda li għandha tiġi eżentata mill-VAT skont il-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG.

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, filwaqt li huwa minnu li d-Direttiva tal-VAT tagħti kamp ta' applikazzjoni wiesa' ħafna lill-VAT, huma biss l-attivitajiet ta' natura ekonomika li huma koperti minn din it-taxxa (sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Lajvér, C-263/15, EU:C:2016:392, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Fil-fatt, skont l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, dwar it-tranżazzjonijiet taxxabbli, huma suġġetti għall-VAT, b'mod partikolari, il-provvisti ta' merkanzija magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali (sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Lajvér, C-263/15, EU:C:2016:392, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Fir-rigward tal-attività inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-provvista ta' sħana, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, is-sħana hija assimilata ma' oġġett tanġibbli. Minn dan isegwi li din l-attività tikkostitwixxi kunsinna ta' oġġetti, fis-sens tal-Artikolu 14(1) ta' din l-istess direttiva.

27 F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk kunsinna sseħħx bi ħlas, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li l-fatt li kunsinna ta' merkanzija ssir "bi ħlas", fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, jippreżupponi l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-merkanzija kkunsinnata u l-korrispettiv irċevut. Tali rabta diretta teżisti biss jekk ikun hemm bejn il-fornitur u x-xerrej relazzjoni legali li fil-kuntest tagħha jiġu skambjati servizzi reċiproċi, fejn il-prezz irċevut mill-fornitur jikkostitwixxi l-korrispettiv effettiv tal-merkanzija pprovduta. Barra minn hekk,

dan il-korrispettiv għandu jikkostitwixxi valur suġġettiv, realment miġbur u li jista' jiġi espress fi flus (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2018, Gmina Wrocław, C-665/16, EU:C:2018:431, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 F'dan il-każ, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, li kull sid li jagħmel parti mill-Weg Tevesstraße iħallas lil din l-assoċjazzjoni korrispettiv għall-provvista ta' sħana li l-ammont tagħha huwa ddeterminat skont il-konsum individwali tiegħu fi sħana kif irrilevat fuq l-arloġġ individwali tiegħu. Jekk tali sitwazzjoni tiġi vverifikata, ikun hemm lok li jiġi konkluż li l-kunsinna ta' sħana inkwistjoni fil-kawża prinċipali ssir "bi ħlas", fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT.

29 Fir-rigward tal-kunċett ta' "persuna suġġetta għall-VAT", u minkejja li l-kwalità ta' persuna suġġetta għall-VAT ta' assoċjazzjoni tas-sidien ta' proprjetà bħall-Weg Tevesstraße ma tidhirx li hija kkontestata mill-qorti tar-rinviju, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, hija kkunsidrata bħala "persuna taxxabbli" "kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività". Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kliem użat fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, b'mod partikolari l-kelma "kull", jagħti lill-kunċett ta' "persuna taxxabbli" definizzjoni wiesgħa bbażata fuq l-indipendenza fit-twettiq ta' attività ekonomika, fis-sens li kull persuna, fiżika jew ġuridika, kif ukoll organi rregolati bid-dritt pubbliku kif ukoll privat, u anki l-entitajiet li ma għandhomx personalità ġuridika, li, b'mod oġġettiv, jissodisfaw ir-rekwiżiti li jidhru f'din id-dispożizzjoni, għandhom jitqiesu li huma persuni suġġetti għall-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2016, Nigl *et*, C-340/15, EU:C:2016:764, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 Sabiex tiġi kkonstatata l-indipendenza tat-twettiq ta' attività ekonomika, għandu jiġi mistħarreġ jekk il-persuna kkonċernata twettaqx l-attivitajiet tagħha f'isimha, għaliha nnifisha u taħt ir-responsabbiltà tagħha kif ukoll jekk hija ssostnix ir-riskju ekonomiku marbut mat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet (sentenza tat-12 ta' Ottubru 2016, Nigl *et*, C-340/15, EU:C:2016:764, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Għalkemm finalment hija l-qorti nazzjonali, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti, li għandha tiddetermina, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 29 u 30 ta' din is-sentenza, jekk assoċjazzjoni tas-sidien ta' proprjetà bħall-Weg Tevesstraße għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li teżerċita "b'mod indipendenti" attività, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tikkonsisti fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tas-sħana, il-Qorti tal-Ġustizzja, li hija mitluba tipprovdi lill-qorti tar-rinviju risposti utli, għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti indikazzjonijiet, ibbażati fuq il-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll fuq osservazzjonijiet bil-miktub u orali li ġew sottomessi lilha, ta' natura li jippermettu lil din tal-aħħar tagħti deċiżjoni fil-kawża konkreta li hija adita biha.

32 F'dan ir-rigward, minn naħa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 49 tal-konklużjonijiet tiegħu, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fid-dritt Ġermaniż, assoċjazzjoni tas-sidien ta' proprjetà bħall-Weg Tevesstraße tikkostitwixxi persuna ġuridika distinta mis-sidien li jifformawha. Barra minn hekk, interessi ekonomiċi konverġenti bejn l-assoċjazzjoni tas-sidien ta' proprjetà u s-sidien ikkonċernati ma humiex biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li l-imsemmija assoċjazzjoni ma teżerċitax l-attività inkwistjoni "b'mod indipendenti", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

33 Min-naħa l-oħra, huwa veru li, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-VAT, kull Stat Membru jista', bħal ħsara għal konsultazzjoni tal-kumitat konsultattiv tal-VAT msemmi fl-Artikolu 398 ta' din id-direttiva, jikkunsidra bħala persuna taxxabbli waħedha kwalunkwe persuni stabbiliti fit-territorju ta' dan l-Istat Membru li, filwaqt li huma indipendenti legalment, ikollhom x'jaqsmu mill-qrib ma' xulxin b'rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi. Madankollu, ma hemmx lok, f'dan il-każ, li jiġi eżaminat dan l-Artikolu 11 peress li mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-amministrazzjoni fiskali Ġermaniża invokat, fil-kawża prinċipali, l-unità fiskali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

34 Il-kunċett ta' "attività ekonomika" huwa ddefinit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT bħala li jinkludi kwalunkwe attività ta' produttur, ta' kummerċjant jew ta' fornitur ta' servizzi, inklużi l-attivitajiet fil-minjieri, fl-agrikoltura u l-attivitajiet tal-professjonijiet liberi jew simili. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li din id-definizzjoni turi l-portata tal-kamp ta' applikazzjoni kopert mill-kunċett ta' "attivitajiet ekonomiċi" kif ukoll in-natura oġġettiva ta' dan il-kunċett, fis-sens li l-attività hija kkunsidrata fiha nnifisha, indipendentement mill-għanijiet tagħha jew mir-riżultati tagħha. Għalhekk, attività hija, b'mod ġenerali, ikklassifikata bħala ekonomika meta tkun ta' natura permanenti u ssir għal remunerazzjoni miġbura mill-awtur tat-tranżazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-154/08, mhux ippubblikata, EU:C:2009:695, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Anki jekk jitqies li l-attivitajiet eżerċitati minn assoċjazzjoni tas-sidien ta' proprjetà bħall-Weg Tevesstraße jikkonsistu fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet mogħtija lilha mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, tali ċirkustanza hija fiha nnifisha irrilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' dawn il-provvisti bħala attivitajiet ekonomiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, Saudaçor, C-174/14, EU:C:2015:733, punti 39 u 40).

36 F'dan il-każ, il-kunsinna tas-sħana tirriżulta mill-operat, mill-Weg Tevesstraße, ta' tagħmir ta' sħana u enerġija. Kif jirriżulta mill-punt 28 ta' din is-sentenza, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ma jidhirx li huwa kkontestat li l-provvista tas-sħana kellha bħala korrispettiv remunerazzjoni mħallsa mis-sidien li jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni. Lanqas ma huwa kkontestat li d-dħul hekk irċevut mill-imsemmija assoċjazzjoni kellu natura ta' permanenza. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jsegwi li l-elettriku prodott mill-imsemmi tagħmir huwa pprovdut lil impriża ta' distribuzzjoni tal-enerġija u li din il-kunsinna kellha wkoll bħala korrispettiv remunerazzjoni.

37 Kemm mill-formulazzjoni tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex jitqies li l-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli huwa eżerċitat bl-għan li jinkiseb dħul minnha, huwa irrilevanti jekk dan l-isfruttament huwiex intiż jew le sabiex jiġġenera profitti (sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Lajvér, C-263/15, EU:C:2016:392, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Minn dan isegwi, kif tikkonferma barra minn hekk il-premessa li fuqha hija bbażata d-domanda preliminari, li d-Direttiva dwar il-VAT tapplika f'dan il-każ u li l-kunsinna ta' sħana inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi kunsinna ta' oġġett, bħala prinċipju, suġġetta għall-VAT, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) ta' din id-direttiva.

39 Wara li dan ġie ċċarat, hemm lok li tiġi eżaminata, fl-ewwel lok, il-kwistjoni, imqajma mill-qorti tar-rinviju kif ukoll mill-Gvern Ġermaniż, dwar jekk eżenzjoni bħal dik li tinsab fil-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG tistax taqa' taħt l-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jeżentaw "il-kiri ta' proprjetà immobbli". F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, it-termini użati sabiex jindikaw l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, inkluż il-kunċett ta' "kiri ta' proprjetà immobbli", għandhom interpretazzjoni stretta, peress li dawn l-eżenzjonijiet jikkostitwixxu derogi għall-prinċipju ġenerali skont liema l-VAT tinġabar fuq kull provvista ta' servizzi mwettqa b'titolu oneruż minn persuna taxxabbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Mailat, C-17/18, EU:C:2018:1038, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Barra minn hekk, fl-assenza ta' definizzjoni ta' dawn il-kunċetti fid-Direttiva tal-VAT, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-"kiri ta' proprjetà immobbli", fis-sens tal-Artikolu 135(1)(l) ta' din id-direttiva, bħala d-dritt mogħti mis-sid ta' proprjetà immobbli lill-kerrej, bi ħlas u għal żmien miftiehem, li jokkupa din il-proprjetà immobbli u li jeskludi kull persuna oħra mill-benefiċċju ta' tali dritt (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Mailat, C-17/18, EU:C:2018:1038, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT hija spjegata mill-fatt li l-kiri ta' proprjetà immobbli, filwaqt li huwa attività ekonomika, jikkostitwixxi normalment attività relattivament passiva, li ma tiġġenerax valur miżjud sinjifikattiv. Tali attività għandha għalhekk tiġi distinta minn attivitajiet oħra li jew għandhom natura industrijali u kummerċjali, jew għandhom għan li huwa kkaratterizzat aħjar mill-eżekuzzjoni ta' provvista milli bis-sempliċi tqegħid għad-dispożizzjoni ta' oġġett, bħad-dritt li tintuża korsa tal-golf, dak li jintuża pont permezz tal-ħlas ta' dritt ta' pedaġġ jew inkella d-dritt li jiġu installati distributuri tas-sigaretti fi stabbiliment kummerċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö (Servizzi ta' hosting fiċ-ċentru ta' data), C-215/19, EU:C:2020:518, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Fil-kawża prinċipali, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, l-attività inkwistjoni tikkonsisti fil-kunsinna tas-sħana ġġenerata mill-użu, mill-Weg Tevesstraße, ta' tagħmir ta' sħana u enerġija. Issa, billi twettaq tali provvista ta' sħana, din l-assoċjazzjoni tipproċedi għal sempliċi bejgħ ta' oġġett tanġibbli li huwa l-frott tal-operat ta' oġġett tanġibbli ieħor, ċertament immobbli, mingħajr madankollu ma tagħti lix-xerrejja tas-sħana, jiġifieri s-sidien li jagħmlu parti mill-imsemmija assoċjazzjoni, id-dritt li jokkupaw proprjetà immobbli, f'dan il-każ it-tagħmir ta' sħana u enerġija, u li teskludi kull persuna oħra mill-benefiċċju ta' tali dritt, fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 40 ta' din is-sentenza.

43 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-kwistjoni mqajma wkoll mill-qorti tar-rinviju u mill-Gvern Ġermaniż, dwar jekk eżenzjoni bħal dik li tinsab fil-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG hijiex ibbażata fuq il-proċess verbali Nru 7 tas-sessjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-Artikolu 13 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), għandu jitfakkar li, skont dan il-proċess verbali, "[i]l-Kunsill u l-Kummissjoni [Ewropea] jiddikjaraw li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-proprjetà kollettiva għal użu, manutenzjoni, tiswija u għal tranżazzjonijiet ta' amministrazzjoni oħrajn ta' din il-proprjetà kollettiva kif ukoll il-kunsinna ta' sħana u ta' oġġetti simili meta dawn it-tranżazzjonijiet isiru mill-assoċjazzjonijiet tas-sidien tal-proprjetà lis-sidien" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

44 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jsegwi li dikjarazzjonijiet ifformulati fl-istadju tax-xogħol preparatorju li jwasslu għall-adozzjoni ta' direttiva ma jistgħux jintużaw għall-interpretazzjoni tagħha meta l-kontenut tagħhom ma jkun bl-ebda mod espress fit-test tad-dispożizzjoni inkwistjoni u li, għaldaqstant, ma għandhomx portata ġuridika (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2009, Swiss Re Germany Holding, C-242/08, EU:C:2009:647, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Issa, għandu jiġi kkonstatat li dan huwa l-każ f'din il-kawża peress li la l-Artikolu 13B(b) tas-Sitt Direttiva, li jipprevedi l-eżenzjoni tal-kiri ta' proprjetà immobbli, u lanqas l-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT, li ssostitwixxa din id-dispożizzjoni, ma jinkludu l-iċken indizju li jippermetti li jiġi konkluż li d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mniżżla fl-imsemmi proċess verbali kienet ġiet espressa f'dawn id-dispożizzjonijiet.

46 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li l-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li eżenzjoni bħal dik li tinsab fil-punt 13 tal-Artikolu 4 tal-UStG ma taqax taħt din id-dispożizzjoni.

47 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument, imressaq mill-Gvern Ġermaniż u impliċitament ibbażat fuq il-prinċipju ta' newtralità fiskali, li jgħid li l-kunsinna ta' sħana minn assoċjazzjoni tas-sidien ta' proprjetà lis-sidien li jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni għandha tiġi eżentata mill-VAT sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament f'termini ta' VAT bejn, minn naħa, is-sidien u l-kerrejja tad-djar tal-unitajiet tal-familja, mhux suġġetti għall-VAT, rispettivament, eżentati

mill-VAT, meta huma jipprovdu sħana lilhom innifishom bħala sidien jew meta jikru simultanjament id-dar u l-installazzjoni tas-sħana, u, min-naħa l-oħra, il-koproprjetarji ta’ proprjetà immobbli suġġetta għall-VAT meta l-assoċjazzjoni li jagħmlu parti minnha tipprovdilhom sħana.

48 Fil-fatt, huwa minnu li, skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-prinċipju ta’ newtralità fiskali, li huwa t-traduzzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-qasam tal-VAT, tal-prinċipju ġenerali ta’ ugwaljanza fit-trattament (sentenza tad-29 ta’ Ottubru 2009, NCC Construction Danmark, C-174/08, EU:C:2009:669, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata), jipprekludi b’mod partikolari li merkanzija jew provvista ta’ servizzi li jixxiebhu, li jinsabu għalhekk f’kompetizzjoni bejniethom, jiġu ttrattati b’mod differenti mill-perspettiva tal-VAT (sentenza tal-14 ta’ Diċembru 2017, Avon Cosmetics, C-305/16, EU:C:2017:970, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li dan il-prinċipju għandu jiġi interpretat fis-sens li differenza fit-trattament fir-rigward tal-VAT ta’ żewġ kunsinni ta’ merkanzija jew ta’ żewġ provvisti ta’ servizzi identiċi jew li jixxiebhu mill-perspettiva tal-konsumatur u li jissodisfaw l-istess bżonnijiet tiegħu hija biżżejjed sabiex tistabbilixxi ksur ta’ dan il-prinċipju (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta’ Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 36). Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-argument imressaq mill-Gvern Ġermaniż huwa bbażat fuq il-paragun ta’ kunsinni ta’ merkanzija lil żewġ gruppi ta’ konsumaturi kjarament distinti u li ċ-ċirkustanza li dawn il-gruppi huma potenzjalment ittrattati b’mod differenti huwa biss il-konsegwenza tal-għażla magħmula mill-persuni li jagħmlu parti minn dawn il-gruppi li jkunu jew ma jkunux sidien ta’ akkomodazzjoni f’kondominju.

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta mill-VAT il-kunsinna ta’ sħana minn assoċjazzjoni tas-sidien ta’ proprjetà lis-sidien li jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2009/162/UE tat-22 ta’ Diċembru 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud il-kunsinna ta’ sħana minn assoċjazzjoni tas-sidien ta’ proprjetà lis-sidien li jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni.**

Firem